MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2006

Appell Civili Numru. 767/2004/1

**Palm Shipping Agency Limited**

**vs**

**Melvin Vella**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta' Gunju 2005 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' April 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u hmistax il-Lira Maltin (Lm115.00) rapprezentanti l-ekwivalenti ghal nofs il-paga li kienet tkun dovuta lilu kieku huwa hadem in-*notice period* ai termini tal-Artikolu 36(12) tal-Att Dwar l-Impjieg u Relazzjonijiet Industrijali. Il-knvenut kien impjegat mas-

socjeta’ attrici bejn it-2 ta’ April 2001 sal-1 ta’ Lulju 2003 meta huwa ta l-avviz ta’ termminazzjoni tal-impjieg tieghu mas-socjeta’ attrici.
Bl-ispejjes u bl-imghax legali.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-
1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut ma keinx tenut jaghti erba’ gimghat notice.
2. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut hadem gurnata notice u cioe nhar it-2 ta’ Lulju 2003 filwaqt li r-rimanenti *notice period* tnaqqas mill-l*eave* li kien fadal lill-konvenut u dana kif del resto gie miftiehem mal-istess socjeta’ attrici.
3. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-Artikolu 36 (2) ma jistghax jigi applikat fil-konfronti tal-konvenut.
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-kaz.

Ra t-talba rikionvenzjonali prezentata mill-konvenut fejn huwa talab li s-socjeta’ attrici tigi kkundannata thallsu s-somma ta’ mitejn u erbgha u sebghin lira Maltin u erbatax il-centezmu (Lm274.14) rapprezentanti 18 il-gurnata xoghol u cioe’ in kwantu ghal 16 l-gurnata *leave* li minnhom ttiehdu bhala *notice period* oltre jumejn ohra xoghol mahduma fl-1 u fit-2 ta’ Lulju 2003 ta’ liema granet il-konvenut baqa’ ma thallasx wara li waqaf mix-xoghol.

Ra r-Risposta tas-socjeta’ attrici ghat-talba rikonvenzjonali prezentata mill-konvenut fejn gie eccepit is-segwenti:-

Illi t-talbiet rikonvenzjonali tal-konvneut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante illi s-socjeta’ attrici m’ghandha taghti xejn lill-istess konvenut anzi ghandha tithallas mill-konvenut kif mitlub fl-Avviz odjern.

Illi l-koncenut kien tenut li jahdem erba’ gimgha notice u mhux gimghatejn kif jallega l-sitess konvenut.
Illi stante li kien il-konvenut li effettivament abbanduna l-impjieg tieghu bi ksur tal-kuntratt tal-impjieg u bi ksur tal-

ligi, huwa m'ghandux jedd li jitllob hlas minghand is-socjeta' attrici izda huwa tenut li jhallas in-nofs tal-paga li kien jircievi f'kaz ili hadem in-notice *period* a tenur tal-Artikolu 36(12) tal-Kap. 452.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri.
Bl-ispejjes kontra l-konvneut.

Sema' x-xhieda tal-konvenut u ta' Matthew Pisani. Ra l-affidavits ta' Frederick Frendo u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema' tr-rattazjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-konvenut gie impjegat mas-socjeta' Palm Travel and Shipping Limited bhala *shipping clerk* fit-2 ta' April 2001. Fil-31 ta' Lulju 2002 l-impjieg tieghu ma din is-socjeta' gie tterminat kif jirrizulta mill-Formola relattiva li ntbaghtet lill-Employment and Training Cirporation esebita a fol. 17 tal-process. B'effett mill-1 ta' Awissu 2002 il-konvenut gie impjegat mis-socjeta' attrici u ffirma kuntratt ta' impjieg gdid mal-istess socjeta' attrici. Fl-1 ta' Lulju 2003 il-konvenut ghazel li jittermina l–impjieg tieghu minn mas-socjeta' attrici u fl-fatt inghatat il-*letter of notice*.

Il-kwistjoni kollha bejn il-partijieit fil-kawza odjerna tirrigwarda l-perijodu ta' *notice* li l-konvenut kien obbligat li jaghti u jahdem. Huwa jikkontendi li kellu jaghti biss gimghatejn *notice* stante li l-impjieg tieghu mas-socjeta' attrici beda fl-1 ta' Awissu 2002 u ghalhekk ai termini tal-Artikolu 36(5)(b) tal-Att 22 tal-2002 huwa kien tenut li jaghti gimghatejn *notice*. Huwa fil-fatt hadem gurnata minn dan in-*notice period* u ghar-rimanenti granet ta' *notice* li kien obbligat jahdem skond il-ligi huwa utilizza disghat ijiem mill-*vacation leave* li kien fadallu jiehu ghass-ena 2003. Is-socjeta' attrici mn-naha l-ohra tikkontendi li n-*notice period* kellu jkun ta' erba' gimghat u dan ghaliex l-impjieg tal-konvenut beda' fl-1 ta' April 2001 meta huwa gie mpjegat mas-socjeta' Palm Travel and Shipping Limited. Hija tghid li f'Lulju 2002 sar ristrutturar fi hdan il-

Palm Group of Companies, li tagghom jaghmlu parti kemm is-socjeta’ attrici kif ukoll Palm Travel and Shipping Limited, u bhala konsegwenza l-impjegati ta’ din l-ahhar kumpanija li kienu jahdmu fis-settur tas-*shipping* gew impjegati mis-socjeta’ attrici wara li giet terminat l-impjieg taghhom ma Palm Travel and Shipping Limited. Is-socjeta’ attrici ssotni li l-konvenut baqa’ jaghmel l-istess xoghol u dan taht l-istess kundizzjonijiet ta’ impjieg u ghalhekk kull ma sar kien bdil tal-isem ta’ min kien jimpjegah u xejn aktar.

It-Tribunal jidhirlu li Palm Travel and Shipping Limited u Palm Shipping Agency Limited huma zewg entitajiet separati u distinti u effettivament f’Lulju 2002 ma sarx biss bdil tal-isem ta’ min jimpjega kif qed tikkontendi s-socjeta’ attrici ghaliex mix-xhieda ta’ Frederick Frendo stess (prodott mis-socjeta’ attrici) jirrizulta lli r-rsitrutturar kien ilu lli sar snin qabel u z-zewg socjetajiet kummercjali in kwistjoni kienu illhom jezistu sa mill-1989. Inoltre Palm Travel and Shipping Limited baqghet tezisti u ma gietx xjolta u isimha ma giex mibdul ghal Palm Shipping Agency Limited. Li sar kien li Palm Travel and Shipping Limited baqghet topera u giet kostitwita socjeta’ ohra bl-isem ta’ Palm Shipping Agency Limited. Fil-fehma tat-Tribunal il-process li sar f’Lulju 2002 kien jinvolvi t-terminazzjoni tal-impjieg tal-konvenut minn ma Palm Travel and Shipping Limited u bidu ta’ impjieg gdid ma Palm Shipping Agency Limited. Il-formolli mibghuta lill-Employment and Training Corporation jikkonfremaw dan il-fatt. Fl-1 ta’ Awissu 2002 l-konvenut beda kuntratt ta’ impjieg gdid mas-socjeta’ Palm Shipping Agency Limited u l-fatt li dan sar taht l-istess kundizzjonijiet ta’ impjieg li huwa kellu ma Palm  Travel and Shipping Limited huwa irrilevanti.

Ghaldaqstant il-konvenut kien tenut lli jaghti gimghatejn *notice* u dan a tenur tal-Artikolu 36(5)(b) surreferit. Mil-provi rrizulta li huwa ta dan il-perijodu ta’ *notice* kif kien obbligat jaghmel skond il-ligi u rrizulta wkoll li huwa kien intitolat jithallas tal-granet tax-xoghol li hadem fl-1 u fit-2 ta’ Lulju 2003 kif ukoll ghall-granet ta’ *vacation leave* li kien jonqsu jiehu ghas-sena 2003.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi, filwaqt li jichad it-talbiet attrici, jilqa' t-talba rikonvenzjonali tal-konvenut u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta' attrici rikonvenzjonata thallas lill-konvenut is-somma ta' mitejn u erba' u sebghin lira Maltin u erbatax il-centezmu (Lm274.14).

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jithallsu nterament mis-socjeta' attrici."

Is-socjeta` attrici appellat minn din is-sentenza. Hi qeghda tippretendi li t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ma kellux jiddeciedi l-kaz a bazi ta' dak li hi tikkwalifika bhala interpretazzjoni strettament formali tal-fatti minghajr ma jittiehed qies tas-sustanza ta' l-istess fatti. Konsegwentement, tissottometti li d-decizjoni pronunzjata tmur b' mod gravi kontra d-dettami ta' l-ekwita`, b' rizultat li l-jeddijiet taghha gew pregudikati serjament. Dan kollu fit-termini ta' l-Artikolu 8 (2) (d) tal-Kapitolu 380;

Rijassunti fil-qosor, il-fatti pacifici bejn il-kontendenti huma dawn:-

(1) Il-konvenut gie impjegat bhala *shipping clerk* mas-socjeta` Palm Travel and Shipping Agency Limited fit-2 ta' April 2001;

(2) L-impjieg tieghu minn ma' din il-kumpanija gie terminat fil-31 ta' Lulju 2002 (ara dokument ta' l-ETC a fol. 17) izda gie ri-impjegat mas-socjeta` Palm Shipping Agency fl-1 ta' Awissu 2002 (ara dokument ta' l-ETC a fol. 25). Din l-ahhar imsemmija socjeta` kienet giet krejata fl-1988 flimkien ma' kumpanija ohra bl-isem Palm Travel Agency Limited minhabba esigenzi azjendali tal-Palm Group dwar tqassim ahjar tax-xoghol (Ara Affidavit ta' Frederick Frendo, fol. 15);

(3) Ir-raguni provvduta minn dan ix-xhud tal-process appena msemmi hi dik ta' ristrutturazzjoni ta' l-

amministrazzjoni tal-Palm Group u r-regolamentazzjoni ta’ l-impjegati minhabba l-ligi l-gdida dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali;

(4) Minn qabel ma sehh dan il-process il-konvenut kien qed jircievi hlas ta’ salarju b’ cekkijiet mahruga mis-socjeta` Palm Shipping Agency Limited. Ara kopji ta’ dawn ic-cekkijiet minn fol. 19 sa fol. 24;

(5) Hemm qbil ukoll illi l-kondizzjonijiet kollha ta’ l-impjieg li kien soggett ghalihom il-konvenut baqghu dawk idonei anke wara li gie registrat bhala impjegat tal-Palm Shipping Agency Limited. Dan avolja f’ dan il-kaz il-konvenut issottoskriva ghat-termini u kondizzjonijiet iskritti fil-kuntratt a fol. 35;

Precizati dawn il-fatti emersi mill-provi, dak li jirrizulta kuntrastat, u li allura jifforma l-pern kollu tal-vertenza, jikkonsisti fil-kontenzjoni illi mentri l-konvenut appellat jsostni illi l-kuntratt ta’ mpjieg tieghu ma’ Palm Shipping Agency Limited kien wiehed gdid, is-socjeta` attrici appellanti tinsisti li kien hemm kontinwazzjoni ta’ l-impjieg precedenti mal-kumpanija Palm Travel and Shipping Agency Limited. L-argoment avvanzat ghal dan mis-socjeta` appellanti hu dak li l-konvenut baqa’ jaghmel l-istess xoghol, jircievi l-istess salarju u *bonuses*, u, dippju, l-*leave entitlement* ghal dik is-sena (2002) baqa’ l-istess. Dan hu accettat mill-konvenut izda mbaghad jikkonfuta d-dikjarazzjoni tas-socjeta` appellanti illi f’ dan l-impjieg tieghu ma’ Palm Shipping Agency Limited ma kien hemm ebda perijodu ta’ *probation*. Huwa fil-fatt jinsisti, anke jekk il-kuntratt dan ma jispecifikahx, illi l-*manager* Simon Bajada (fl-Affidavit tieghu a fol. 30 semma lil Frederick Frendo) kien gharraf lill-impjegati verbalment illi huma kienu ser ikunu taht *probation*. F’ dan il-kuntest huwa jsostni fil-kontroezami illi dan id-diskors intqal fil-presenza ta’ l-impjegat Brian Gatt. Xhud dan li ma giex prodott minnu biex jikkorroborah. Ghall-kuntrarju l-kumpanija appellanti pproduciet lix-xhud Matthew Pisani (fol. 49) li ddikjara taht gurament illi meta sar it-tibdil ma ssemma xejn dwar *probation*;

Jitnissel minn dan kollu illi jekk wiehed jaccetta t-tezi tas-socjeta` appellanti allura l-konvenut, meta gie biex itemm l-impjieg tieghu f' Lulju 2003 huwa kien tenut jaghti preavviz ta' erba' gimghat (u mhux gimghatejn, kif kontez mill-konvenut) billi kien ilu fl-impjieg ghall-aktar minn sentejn [Artikolu 36 (5) tal-Kapitolu 452]. Gjaladarba, skond is-socjeta` appellanti, il-konvenut ma hademx dan in-"*notice period*", ad eccezzjoni ta' gurnata wahda, huwa kellu jhallasha somma korrispondenti ghal nofs il-paga li kien imissha tithallas, kif preskritt fis-subinciz (12) ta' l-istess artikolu;

M' hemmx dubju illi r-rizoluzzjoni tal-kwestjoni tiddependi mhux biss mir-rikostruzzjoni u interpretazzjoni tal-fatti izda wkoll mill-applikazzjoni tal-ligi li tghodd. Kif bosta drabi ohra ripetut minn din il-Qorti, anke jekk l-attribut lit-Tribunal mill-Att li kkrejah hu dak li jiddeciedi principalment abbazi ta' l-ekwita` [Artikolu 7 (1)], fl-istess waqt huwa ma jkunx jista' jissorvola l-ligi, senjatament kif applikabbli ghall-fatti in meritu;

Jinghad, *inter alia*, fil-kuntratt a fol. 35 illi "*the contract of service and resulting relationships between the Company as Employer and employee are subject to and shall be construed in accordance with the law of Malta*". Ma jidherx li hu disputat bejn il-partijiet in kawza illi l-ligi li tghodd fil-fattispeci tikkonsisti fl-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452);

Din il-Qorti tasal biex tikkoncedi dak sostenut mit-Tribunal illi Palm Travel and Shipping Limited u Palm Shipping Agency Limited huma zewg entitajiet separati u distinti. Naturalment ukoll ghandhom personalita` guridika awtonoma, anke jekk fattwalment huma kontrollati mill-istess amministrazzjoni u azzjonisti. B' danakollu, fil-hsieb ponderat ta' din il-Qorti, ir-rizultanzi istruttorji ta' dan il-kaz, kellhom certament jimmeritaw konsiderazzjoni ta' dak

statwit fl-Artikolu 38 tal-Kapitolu imsemmi riferibilment ghat-trasferiment tan-negozju settorjali tax-*shipping agency* mill-kumpanija l-wahda ghall-ohra;

Dan l-artikolu jipprovdi fis-subinciz (1) tieghu li "meta negozju jew azjenda ohra jittiehed il-kontroll taghhom, ghal kollox jew f' parti, minn persuna (hawnhekk izjed 'il quddiem f' dan l-artikolu msejha 'l-persuna li lilha jigi trasferit in-negozju') minghand principal (hawnhekk izjed 'il quddiem f' dan l-artikolu msejjah 'min jittrasferixxi'), kull impjegat fl-impjieg ta' min jittrasferixxi fid-data tat-trasferiment tan-negozju ghandu jitqies li jkun fl-impjieg tal-persuna li lilha jigi trasferit in-negozju u l-persuna li lilha jigi trasferit in-negozju ghandha tassumi d-drittijiet u l-obbligi kollha li min jittraferixxi ghandu rigward l-impjegat";

Fuq l-interpretazzjoni taghha ta' l-artikolu riprodott jidher li ghal konfigurazzjoni tat-trasferiment hemm prevvist jokkorri l-konkors ta' zewg rekwiziti essenzjali. Il-wiehed objettiv, rapprezentat mit-trasferiment u prosegwiment ta' l-istess attivita` mill-kumpanija li lilha jigi trasferit in-negozju. L-iehor soggettiv, konsistenti fis-sostituzzjoni tal-principal fir-rapport tax-xoghol. Fi kliem iehor, ir-rapport tax-xoghol mal-kumpless azjendali jibqa' legat fil-kazijiet fejn din, ghalkemm tbiddel it-titolari, tibqa' immutata fl-istruttura organizzattiva;

Fil-kaz partikulari, b' applikazzjoni ta' din l-interpretazzjoni, nirriskontraw sitwazzjoni fejn il-kumpanija Palm Shipping Agency Limited issoktat bl-istess attivita` li s-settur tas-"*shipping agency*" kien jaghmel fi hdan is-socjeta` Palm Travel and Shipping Limited. Hekk ukoll, kif jirrizulta mill-provi, impjegat l-istess haddiema ta' din l-ahhar imsemmija kumpanija li kienu jipprestaw is-servizzi taghhom f' dak is-settur, u, presumibilment ukoll, utilizzat l-istess materjali. Anke jekk teknikament ghal dik li hi registrazzjoni jirrizulta li kien hemm temm ta' impjieg mis-socjeta` l-wahda u l-bidu ta' impjieg gdid. Dan hu dezunt mill-fatt illi l-konvenut, skartata l-asserzjoni tieghu riferibilment ghall-fatt tal-*probation*, li ma gietx provata,

baqa' soggett ghall-istess kondizzjonijiet tax-xoghol, paga u beneficcji li kien igawdi qabel. Sahansitra, ipprevalixxa ruhu mill-*leave entitlement* li kien jispetta lilu ghal dik is-sena daqslikieku baqa' fl-impjieg mal-principal precedenti. Hemm, imbaghad, ukoll, il-*punctum temporis* ta' meta ntemm l-impjieg mas-socjeta` l-wahda u beda ma' l-ohra li wkoll ghandu jservi ta' indikatur ta' immedjatezza u kontinwazzjoni;

Gjaladarba, dejjem fil-hsieb ta' din il-Qorti, giet accertata, fuq l-interpretazzjoni taghha tal-fatti u tal-ligi, illi kien hemm dik il-kontinwita tal-prestazzjoni mill-konvenut, u baqghu jippersistu l-istess kundizzjonijiet tax-xoghol fir-rapport mal-kumpanija li lilha gie trasferit is-settur partikolari fi hdan il-Group ghal kaz kellha tapplika d-dixxiplina tat-trasferiment espressa fl-Artikolu 38 ta' l-Att, li jfisser allura illi, ghal fini ta' l-avviz tat-temm ta' impjieg li l-konvenut appellat kien tenut li jaghti, il-perijodu korrispondenti kellu jkun dak ta' erba' gimghat;

Issa mill-korp tar-rikors ta' l-appell ma jidherx li s-socjeta` appellanti llanjat mill-pretensjoni tal-konvenut kontenuta fil-kontro-talba ghall-hlas ta' xi granet tal-*leave* (16-il jum) ghal liema kien ghadu intitolat meta temm l-impjieg u ghal paga ta' jumejn. Komplessivament, dawn jammontaw ghal mitejn u erbgha u sebghin lira u erbatax-il centezmu (Lm274.14) liema somma ma gietx kontestata fil-kors tal-provi quddiem it-Tribunal. Billi, kif superjorment ikkonsidrat, din il-Qorti qed tilqa' l-pretensjoni tas-socjeta` attrici appellanti ghall-hlas ta' mija u hmistax-il lira (Lm115) ghan-*notice money* kif dedotta minnha fl-avviz jigi li din ghandha taghti lill-konvenut l-import tad-differenza bejn iz-zewg ammonti, u cjoe mija u disgha u hamsin lira, u erbatax-il centezmu (Lm159.14).

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament dwar l-aspett singolari lilha devolut. In bazi ghall-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u tenut qies ukoll tal-kontro-talba l-ammont kanonizzat mit-Tribunal

qed jigi ridott ghal mija u disgha u hamsin lira Maltija u erbatax-il centezmu (Lm159.14,0) u tordna li s-socjeta` attrici thallas lill-konvenut din is-somma. In vista tan-novita` tal-kaz u tac-cirkostanzi kollha attendibbli huwa xieraq li l-ispejjez taz-zewg istanzi jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------